MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2013

Numru. 74/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Matthew Bartolo ta' 24 sena, iben Michael u Maria nee` Engerer, imwieled l-Ingilterra fil-14.06.1986, residenti gewwa 51, Settembrina, Triq il-Bajd, Naxxar.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fl-1 ta' Mejju 2011 u fil-jiem ta' qabel din id-data: :

Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (Mephedrone) minghajr awtorizzazzjoni bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31

tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolament dwar il-kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tas-subartikolu (2) tal-120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha (Kap 31);

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu u l-fatt illi l-imputat m’ghandux problema b’xi vizzju tad-droga.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, l-artikoli 40A, 120(a), 120A(2(b)(ii) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b-applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu liberta kundizzjonata.

Finalment il-Qorti tordna d-distruzzjoni ta’ Dok DT1.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------